**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Mejju, 2017

Rikors Nru : 97/17 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar id-dsatax (19) ta' Dicembru 1980 (ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt titfal Millum ta' 34 sena u G illum ta' 27 sena maggorenni u jahdmu full time;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin tant li ilhom ma jghixu fl-istess dar matrimonjali ghal zmien twil u

legalment separati b'kuntratt redatt min-nutar Dottor Ivan Barbara tal-hamsa (05) ta'Marzu elfejn u tnejn (2002) (ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom taghha ta' xebba ossija Vassallo;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom ta' xebba ossija Vassallo;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsehekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Marzu 2017;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla, jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija Vassallo u il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni kollha mehtiega f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Marzu 2002;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.